MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 955/2003

**Market Link Limited**

**vs**

**AZ INK Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Mejju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm1173.00) rapprezenatnti prezz dovut lis-socjeta` attrici ghal servizzi ta' "print" u installazzjoni ta' zewg "billboards" rezi lis-socjeta` konvenuta, kif ukoll ghal spejjez relatati, inkluzi permessi relatati, u dan kif jidher mill-attura annessa mal-avviz u mmarkata Dok.A;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Marzu, 2003, u dawk tal-mandat ta' qbid prezentat**

**kontestwalment mal-avviz, u bl-imghax kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fis-27 ta' Mejju, 2003, fejn intqal illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici mhux dovut stante li s-socjeta` konvenuta qatt ma ordnat ix-xoghol allegatament maghmul ghan-nom taghha;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Owen Spiteri, Tarcisio Vella. Alfred Zahra de Domenico u Stephen Cassar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kawza qed issir ghall-hlas ta' servizzi ta' "printing" ta' *billboards* u dana skond ma jirrizulta mill-invoice esebit Dok.A datat 30 ta' Settembru, 2002. Is-socjeta` konvenuta qed tallega li qatt ma ordnat ix-xoghol imsemmi.**
**2. Kuntrarjament ghal dak li qed tallega is-socjeta` konvenuta, jirrizulta illi kienu hargu zewg booking orders, Dok.OS1 u OS2, ghal zewg billboards li kienu inkrew lis-socjeta` konvenuta, u dana skond ma xehed Owen Spiteri, direttur tas-socjeta` attrici.**
**3. Ix-xoghol da parti tas-socjeta` attrici sar wara li s-socjeta` konvenuta ghadditilhom compact disk b'dak li kellu jigi "printed" fuq il-billboard. L-istess Owen Spiteri jghid illi, skond il-permess il-billboards telghu ghal tmienja u ghoxrin gurnata mill-11 ta' Ottubru, 2002.**
**4. Jirrizulta li l-billboards in kwistjoni kienu gew ordnati minn One Fashion Limited lis-socjeta` konvenuta. Tarcisio Vella, direttur tas-socjeta` One Fashion Limited jikkonferma li hallsu ghal dan ix-xoghol lis-socjeta` konvenuta.**
**5. Jirrizulta li l-kuntatti da parti tas-socjeta` attrici kienu ma Steve Cassar, dak iz-zmien direttur tas-socjeta` konvenuta, u li kien irrizenja mill-istess kumpanija f'Jannar, 2003.**

**6. Steve Cassar jikkonferma li dan ix-xoghol kien sar, u kkonferma l-booking orders esebiti.**
**7. Ghalhekk mill-provi mismugha jirrizulta bic-car illi ix-xoghol kien gie accettat u sar, illi ir-relazzjoni tal-kumpanija attrici kienet mal-kumpanija konvenuta, illi il-pagament lis-socjeta` attrici baqa' ma sarx.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u mija u tlieta u sebghin lira Maltija (Lm1173.00), bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Marzu, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Marzu, 2003, u dawk tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------